HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

28 JAN 2020

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 520**

**Il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier

**ASSENTI**

Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 520.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

520.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

## 520.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

520.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 519.9.3 u jitneħħa l-kliem 'mingħand l-Arċipriet' u wara l-kliem 'sabiex imorru l-quddies' jidħol il-kliem 'nhar ta' Ħadd'.

520.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 519.9.14 u jitneħħa l-kliem 'ir-*road hump*' u wara l-kliem 'Triq tal-Labour' jidħol il-kliem 'u minflok issir *roadhump zebra crossing*'.

520.2.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 519.9.15 u wara l-kliem '*traffic management*' jidħol il-kliem 'fiż-żona ta'' u wara l-kliem 'Triq A Caligari' jidħol il-kliem 'u Triq il-Figel'.

520.2.4 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 519.9.18 u minflok il-kelma 'jitneħħa' tidħol il-kelma 'rilokat'.

520.2.5 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 519.9.10 u minflok il-kelma 'San Ġużepp' tidħol il-kelma 'Sant Antnin'.

520.2.6 Il-minuti tal-519 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

## 520.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

520.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema '*Archievers*' li hija inizjattiva ta' finanzjament imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għar-Riformi u qal illi bħalissa kienu għaddejjin id-diskussjonijiet flimkien mas-Sinjura Anna Calleja sabiex il-Kunsill jimplimenta proġett u jissottometti l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja. Il-Viċi Sindku talbet sabiex il-Kunsill jinkludi l-għaqdiet lokali f'dan il-proġett.

520.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni tal-Kunsill Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value* sabiex isir xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Ġużepp li qiegħda fi Triq is-Santwarju

kantuniera ma' Triq G Agius Muscat, kif ukoll tal-istatwa ta' Ġesù Redentur li qiegħda fi Triq iċ-Ċimiterju kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €10,000.

520.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt l-iskema *WiFi4EU* kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €15,000.

520.3.4 Is-Sindku qal illi b'din l-iskema setgħu jiġu nstallati madwar ħmistax il-*Wifi access points* u żied jgħid illi kien ser jiċċekkja jekk il-Kunsill jistax iqabbad *CCTV cameras* mal-*WiFi* pprovdut mill-iskema *WiFi4EU*.

520.3.5 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex jidentifikaw żoni pubbliċi fejn jistgħu jitwaħħlu l-*WiFi access points*.

520.3.6 Is-Sur Joseph Agius staqsa fejn hemm *wifi access points* f'Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi f'Ħaż-Żabbar kien hemm *wifi access points* fi Ġnien il-Kunsill, f'Misraħ San Ġakbu, kif ukoll fil-venda l-antika.

520.3.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill l-ewwel jidentifika fejn hemm il-ħsieb li jsiru s-*CCTV cameras* imbagħad jiġi deċiż fejn ser jiġu nstallati l-*WiFi access points*.

520.3.8 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jinxtara l-apparat u jiġu nstallati l-*WiFi access points*.

520.3.9 Is-Sindku rrefera għat-talba li l-Kunsill kien irċieva sabiex jiġi organizzat kunċert annwali flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel liema spiża għall-Kunsill tkun ta' €1,500. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza dan il-kunċert flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel.

520.3.10 Is-Sur Joseph Buttigieg rrefera għat-talba li kien għamel sabiex il-Kunsill jipprovdi l-lista t'attivitajiet li ġew organizzati bil-kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet rendikont tal-attivitajiet kif mitlub. Is-Sur Joseph Buttigieg talab kopja ta' dan ir-rendikont.

520.3.11 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar is-siġar tat-tut li kienu ġew mwiegħda waqt il-Kunċert Annwali. Is-Sindku qal illi l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel talbu laqgħa mal-Kunsill biex isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex jitħawwlu dawn is-siġar. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku u l-Viċi Sindku jiltaqgħu mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel.

520.3.12 Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex is-siġar tat-tut jiġu mhawwla fil-Masġar taż-Żebbuġ.

520.3.13 Is-Sindku qal illi kien ser jintalab il-parir tal-esperti kif ukoll il-parir ta' Ambjent Malta sabiex is-siġar tat-tut jithawwlu f'post addattat.

520.3.14 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa f'hix kien wasal il-proġett ghar-riabilitazzjoni tal-Ġnien tal-Foss. Is-Sindku qal illi kien infurmat li s-sejha ghall-offerti kienet ġiet sospiża minhabba problemi tekniċi. Il-Viċi Sindku qalet illi l-proċess ghas-sejha tal-offerti kellu jitkompla. Il-Viċi Sindku talbet biex il-Kunsill jaghmel pressjoni fuq id-Direttorat tal-Parks sabiex jitkompla ix-xoghol fil-Masġar taż-Żebbuġ.

520.3.15 Is-Sindku rrefera ghat-talba li l-Kunsill kien irċieva sabiex *green area* fi Triq il-Marloċċ tiġi rilokata fil-viċinanzi ta' Triq Salvu Astarita u qal illi kien iltaqa' mal-perit u mas-sid tal-art sabiex jiddiskuti l-proposti tal-Kunsill. Is-Sindku ippreżenta kopja tal-pjanti emendati lill-Kunsillieri preżenti u qal illi d-diskussjonijiet relatati mat-*traffic management* kienu ghadhom ghaddejjin.

520.3.16 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk fil-pjanta emendata kinitx ġiet inkluża l-bankina mad-dawra tat-*traffic island* kif kien maqbul.

520.3.17 Is-Sindku qal illi l-passaġġ kien ser ikun spjegata bis-sinjali tat-traffiku u bil-marki tal-karreġjata. Is-Sur Joseph Buttigieg spjega li s-sinjali taż-żebgha ma kienux ser ikunu biżżejjed u talab sabiex isiru *bollards* biex ma jsirx parkeġġ addoċċ u l-vetturi ma jostakolawx l-aċċess ghall-*pedestrians*. Is-Sindku qal illi ma kienx possibli li jsiru l-*bollards* u żied jghid li l-parkeġġ kien ser jiżdied ghal hdax il-parkeġġ u kien ser ikun simili ghall-parkeġġ li hemm f'Misrah is-Sliem.

520.3.18 Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li minghajr passaġġ u minghajr *bollards* kien ser jinholoq periklu ghal-*pedestrians* speċjalment x'hin jirriversjaw il-karozzi biex johorġu mill-parkeġġ. Is-Sur Buttigieg żied jghid li kien ser jinholoq periklu bhal ma hemm fl-ex venda ta' Haż-Żabbar.

520.3.19 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex tonqos il-hamrija u minflok isir passaġġ ghall-*pedestrian*. Is-Sindku qal illi skont l-Awtorita' tal-Ippjanar ma setghax isir tnaqqis mill-hamrija.

520.3.20 Il-Viċi Sindku semmiet il-possibilità li ssir *zebra crossing* sabiex jiġi evitat il-periklu ghal-*pedestrians*.

520.3.21 Is-Sur Joseph Agius qal illi f'din iż-żona kien hemm problema tal-gharghar u issuġġerixxa biex jithaffer ġibjun taht is-*soft area* proposta sabiex l-ilma tax-xita jiskula f'dan il-ġibjun. Is-Sur Agius qal illi l-ilma tal-ġibjun jista' jintuża wkoll sabiex tissaqqa s-*soft area*. Is-Sindku qal illi l-problema tal-gharghar f'din it-triq

hija materja differenti u għandha tiġi diskussa mal-awtoritajiet konċernati u mhux ma' sid l-art.

520.3.22 Is-Sindku semma l-ħtieġa li Triq Salvu Astarita ssir *one way* u li jitwaħħlu l-*bollards* sabiex ma jsirx parkeġġ fil-kantuniera ta' Triq San Ġużepp u Triq Santa Marija. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-pjanti kienu ġew diskussi flimkien ma' Transport Malta. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex Transport Malta terġa' tikkonsidra dawn il-pjanti sabiex jiġi nkluż il-passaġġ għall-*pedestrians*.

520.3.23 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel b'seba' voti favur u żewġ voti kontra li japprova l-pjanti kif inhuma.

520.3.24 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex fil-minuti jitniżżel li huwa kellu r-riservi tiegħu dwar dawn il-pjanti minħabba li fl-opinjoni tiegħu ma kienx hemm biżżejjed sigurtà għall-*pedestrians*.

**520.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

520.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Novembru 2019 u d-19 ta' Diċembru 2019 li kienet tammonta għal €40,751.05.

520.4.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t'Ottubru 2019 li kien jammonta għal €24.46.

520.4.3Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2019 li kien jammonta għal €23.91.

**520.5 Approvazzjoni tal-Abbozz tal-Estimi Annwali**

520.5.1Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2020. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**520.6 Laqgħa tal-lokalità**

520.6.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tal-lokalità issir nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar, 2019.

**520.7 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

520.7.1Ma kienx minuti tas-sotto kumitat.

## 520.8 Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

520.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kopja tal-mozzjoni dwar l-għotja ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr.

520.8.2 Is-Sindku ssuġġerixxa xi tibdiliet għal Jum Ħaż-Żabbar u ppropona sabiex jingħata ħdax-il rikonoxximent, wieħed għal kull dekasteru. Is-Sindku qal illi l-ħsieb hu li l-Kunsill jirrikonoxxi nies li qed jaħdmu f'oqsma differenti.

520.8.3 Is-Sindku talab sabiex kull Kunsillier iressaq l-isem ta' persuna li tkun għamlet unur lil Ħaż-Żabbar. Is-Sindku żied jgħid li matul is-serata, il-Kunsillier responsabbli mid-dekasteru għandu jitla' flimkien mas-Sindku sabiex iqassam dan ir-rikonoxximent. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ma kienx ippreparat sabiex jinnomina ndividwu mid-dekasteru tiegħu.

520.8.4 Il-Viċi Sindku qalet li fil-mozzjoni għandhom jitniżżlu l-ismijiet tad-dekasteri.

520.8.5 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex apparti Ġieħ Ħaż-Żabbar u l-ħdax-il rikonoxximent, il-Kunsill jagħti tlett rikonoxximenti oħra lil min fil-fehma tal-Kunsill ikunu taw sehemhom għall-ġid taż-Żabbarin f'oqsma oħra.

520.8.6 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill kull sena jinnomina ndividwu minn għaqda lokali li fil-fehma tiegħu jkun iddistingwa ruħu bil-kwalitajiet u jew għen għat-tkattir ta' ġid għaż-Żabbarin.

520.8.7 Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-fehma tiegħu iktar ma jingħataw unuri iktar kien ser jonqos il-valur tal-onorofiċenzi u jintilef is-sinjifikat.

520.8.8 Is-Sindku qal illi l-attività ta' Jum Ħaż-Żabbar ma setgħetx tittella' fis-sala tal-Arċipriet minħabba li fis-sala kien hemm is-soqfa kkundannati.

520.8.9 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet sabiex għal din is-sena l-attività ta' Jum Ħaż-Żabbar tiġi organizzata taħt tinda u jinkrew *heaters* minħabba l-kesħa.

520.8.10 Il-Kaptan Patrick Barbara ssuġġerixxa sabiex l-attività ssir fis-sala tal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja B Ħaż-Żabbar.

520.8.11 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jibdel id-data li fija jiġi ċċelebrat Jum il-Lokal. Is-Sindku qal illi ċ-Ċentru Ċiviku jiċċelebraw Jum Ħaż-Żabbar fl-1 ta' Settembru, skont l-istorja ta' Ħaż-Żabbar fl-10 ta' Settembru kienet saret talba biex Ħaż-Żabbar issir Belt, fl-14 ta' Settembru Ħaż-Żabbar kien ingħata t-titlu ta' Belt filwaqt li fl-1 ta' Ġunju kien tgħammed l-ewwel Żabbari fil-knisja ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex Jum Ħaż-Żabbar jibda jiġi ċelebrat fl-1 ta' Ġunju.

520.8.12 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ma kienx jaqbel li Jum il-Lokal għandu jinbidel. Is-Sur Buttigieg żied jgħid li l-1 ta' Frar huwa marbut mat-twaqqif ta' l-ewwel Kunsill Lokali u kienet il-ġurnata meta ittieħed il-ġurament tal-Kunsillieri.

520.8.13 Is-Sur Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Joseph Agius qalu li ma kienux jaqblu li Jum il-Lokalità għandu jiġi abbinat mal-ewwel magħmudija f'Ħaż-Żabbar minflok mat-twaqqif tal-ewwel Kunsill.

520.8.14 Is-Sur Joseph Vella qal illi d-deċiżjoni biex jinbidel Jum il-Lokalità ma kellix tiġi diskussa fil-laqgħa tal-lum u għalhekk l-attività ta' Jum Ħaż-Żabbar għandha ssir fl-1 ta' Frar.

520.8.15 Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi fl-opinjoni tiegħu kien jippreferi l-14 ta' Settembru u żied jgħid li l-bdil fil-ġurnata kien biss suġġeriment li għamel is-Sindku.

520.8.16 Is-Sindku ssuġġerixxa li għal Jum Ħaż-Żabbar jiġi organizzat kunċert b'orkestra bi tminn mużiċisti u r-riċeviment isir fil-Mużew tas-Santwarju. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Mużew tas-Santwarju ma kienx kbir biżżejjed biex jakkomoda mal-mija u ħamsin ruħ.

520.8.17 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-attivita' tal-1 ta' Frar tiġi organizzata fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, ir-riċeviment isir fil-Mużew tas-Santwarju u l-ikel għal dan ir-riċeviment għandu jiġi ordnat mingħand *D'Exquisite*.

520.8.18 Is-Sindku qal illi kien ser jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din is-serata flimkien mas-Sur Joseph Vella. Is-Sur Vella qal illi minħabba mpenji oħra ma kienx possibbli li jieħu ħsieb din is-serata. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku u l-Viċi Sindku jieħdu ħsieb itellgħu din l-attività.

520.8.19 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Memo 122/2010 relatata mal-attivitajiet dwar Jum il-Lokal u qalet li l-ispiża globali għall-attivitajiet ta' Jum il-Lokal m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni, liema minnhom tkun l-ogħla.

520.8.20 Fit-7.45 ta' filgħaxija l-Kaptan Patrick Barbara talab li jkun skużat.

520.8.21 Fit-7.45 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

520.8.22 Fit-8.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

520.8.23 Fid-8.40 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

520.8.24 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li għal din is-sena biss jingħata Ġieħ Ħaż-Żabbar wieħed.

520.8.25 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li għal Jum Ħaż-Żabbar jingħataw hdax-il Ċertifikat ta' Ħajr u kull ċertifikat għandu jkun abbinat ma' dekasteru.

520.8.26 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jingħataw erba' ċertifikati ta' Rikonoxximent Speċjali u dawn iċ-ċertifikati jingħataw skont il-mertu ta' xogħol li jkun twettaq fil-komunità.

520.8.27 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li r-rikonoxximenti jingħataw anke lil persuni wara mewthom.

520.8.28 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti Ġieħ Ħaż-Żabbar, hdax-il Ċertifikat ta' Ħajr u erba' Rikonoxximenti Speċjali skont in-nominazzjonijiet fil-lista annessa.

**520.9 Petizzjoni minn Triq il-Ġnien**

520.9.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni mresqa mir-residenti ta' Triq il-Ġnien sabiex joġġezzjonaw minħabba linji sofor li saru riċentament quddiem ir-residenzi sabiex ma jsirx parkeġġ. Ir-residenti talbu sabiex id-*double yellow lines* jitħallew biss quddiem il-bibien u dan minħabba nuqqas ta' spazji ta' parkeġġ li hemm fiż-żona.

520.9.2 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li jitwal id-*double yellow line* li hemm quddiem il-bibien sabiex ikun hemm aċċess aħjar għall-persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti.

520.9.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat kopja tal-petizzjoni lil Transport Malta sabiex is-sinjali jsiru biss quddiem il-bibien tar-residenzi.

**520.10 Emendi fil-ġranet tal-ġbir tal-iskart**

520.10.1 Is-Sinjura Anna Calleja pproponiet sabiex il-Kunsill iżid ġurnata oħra sabiex jinġabar l-iskart organiku speċjalment fil-ġranet tas-Sajf.

520.10.2 Is-Sindku qal illi bħalissa l-borża tal-iskart organiku kienet qed tinġabar it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u żied jgħid li ż-żieda ta' ġbir tal-iskart kienet ser toħloq piż finanzjarju.

520.10.3 Is-Sinjura Anna Callejja semmiet il-ħtieġa li matul il-ġranet tas-Sajf, il-ġbir tal-iskart organiku jiżdied għal erba' darbiet fil-ġimgħa.

520.10.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-iskeda tal-ġbir ta' skart tibqa' kif inhi bhalissa.

**520.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

520.11.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fis-16 ta' Jannar 2020 kien ser jorganizza harġa għall-anzjani Żabbarin.

520.11.2Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex issir *zebra crossing* fi Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi ta' Triq ix-Xgħajra.

520.11.3Is-Sur Joseph Agius talab sabiex titwahhal *CCTV camera* fi Triq Santa Duminka peress illi kienu qed jgħaddu l-vetturi l-kbar minkejja li kien hemm tabella li tindika li ma jistgħux jgħaddu vetturi kbar.

520.11.4Il-Viċi Sindku talbet sabiex titnaddaf il-funtana li hemm f'Misrah tal-Madonna Medjatriċi, jinqata' il-haxix ta' madwar il-monument u ta' ġol-hwat.

520.11.5Il-Viċi Sindku qalet li bil-maltemp kienet tgħawġet siġra fi Triq il-Mina ta' Hompesch u qalet li din is-siġra kienet ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsill illi din is-siġra diġa ġiet irrapurtata lil Transport Malta peress illi Triq il-Mina ta' Hompesch kienet taqa' taht ir-responsabbiltà ta' Transport Malta.

**520.12 Mozzjonijiet**

520.12.1Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**520.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

520.13.1Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

520.13.2 Il-laqgħa spiċċat fid-9.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-521 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku